

# Aħbar Tajba

Żak 9, 9-10
S 144 (145), 1-2.8-9.10-11.13ċd-14
Rum 8, 9.11-13
Mt 11, 25-30

"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom.
**Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli"**

Żgur li xi darba jew oħra smajtu xi ħrafa ta' Esopu. Fosthom insibu ġrajja ta' argument li nqala' bejn ix-xemx u r-riħ. Ma setgħux jiftiehmu min minnhom kien l-aktar b'saħħtu. Fl-aħħar għamlu mħatra fuq raġel li kien liebes ġlekk biex jaraw min kien kapaċi jneħħihulu fl-iqsar ħin. Kemm nefaħ ir-riħ! Imma kollu kien ta' xejn għax ir-raġel żammu magħluq biż-żewġ idejn. X'ħin kien imissha x-xemx, din kulma għamlet uriet wiċċha u mal-ewwel raġġi ħelwin tagħha, r-raġel malajr fetaħ il-buttuni u neħħa l-ġlekk! X'taħsbu li hija t-tagħlima? Li bil-ħlewwa tagħna nistgħu nimxu ħafna aktar 'il quddiem milli bl-għerra tal-qawwa tagħna.

Sfortunatament illum din il-ġentilezza kultant naqħtuha l-ġenb. Bl-Ingliż nużaw il-kelma 'gentleman', bil-Malti raġel ġentili. Imma llum ħafna jġibu ruħhom bil-maqlub. Jippretendu li huma l-aktar importanti, li jafu kollox u li ħaddieħor irid joqgħod għal dak li jgħidu huma.

Għalkemm kultant jidher li dawn il-persuni jirbħu dejjem, imma fil-verità d-daħk u l-gost tagħhom malajr jispiċċa għax dawk ta' madwarhom mhumiex magħhom għax tassew ħbieb u jirrispettawhom, imma għax jaqblilhom.

Ġesù jgħallimna mod ieħor. "Tgħallmu minni, għax jien ta' qalb ħelwa u umli". Dawn huma l-karatteristiċi li kienu jispikkaw f'Ġesù u jixtieq li dawn ngħożżuhom aħna wkoll. Tiftakru kif ġab ruħu Ġesù meta ġabulu dik il-mara li riedu jħaġġruha? Ftakru x'qal Ġesù li jagħmel il-Missier meta waħda mill-mitt nagħġa tiegħu titlef it-triq. U tifktakru x'għamel il-missier fil-parabbola tal-Iben il-Ħali? Meta l-iben mar lura d-dar ma sabx missier irrabjat, imma sab xi ħadd jistennieh, b'idejh miftuħa lest biex jgħannqu u jilqgħu lura d-dar.

Għalhekk fil-jiem li ġejjin ejjew noqogħdu aktar attenti fuq kif inġibu ruħna mal-oħrajn, nibdew minn dawk l-aktar qrib tagħna. Ejjew nilqgħu l-istedina ta' Ġesù biex bħalu nkunu qalbna ħelwa u umli. Ejjew nilqgħu lil min ikellimna bi tbissima ġenwina, u ma nqisux lilna nfusna aktar importanti mill-oħrajn! Ma' dawk li forsi nħossu li jdejquna, nippruvaw nifhmuhom u nkunu sensittivi għalihom. Hekk il-ferħ tagħna ma jkunx tal-mument imma wieħed li jibqa'.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

INFAĦĦREK, MISSIER, SID, SEMA, ART, ĦBEJTHOM, WREJTHOM, EJJEW, IMĦABBTIN, IMTAQQLIN, INSERRAĦKOM

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GĦ | I | N | D | I | T | Q | I | L | A |
| I | M | T | A | Q | Q | L | I | N | T |
| N | Ħ | Ħ | B | E | J | T | H | O | M |
| S | A | B | A | J | Ġ | I | Ż | S | A |
| E | B | I | P | J | E | N | Ċ | L | W |
| R | B | B | P | E | S | F | GĦ | IE | R |
| R | T | B | O | W | Ù | A | R | T | E |
| A | I | J | S | I | N | Ħ | Ħ | M | J |
| Ħ | N | A | T | B | E | Ħ | A | A | T |
| K | M | I | S | S | IE | R | F | A | H |
| O | T | L | E | I | S | E | I | GĦ | O |
| M | A | I | M | D | P | K | F | M | M |
| A | R | GĦ | A | N | D | I | A | N | D |

“Ejjew għandi, intom ilkoll
**li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin,**
**u jiena nserraħkom.**



## San Benedittu

Benedittu twieled f'Norcia, fl-Umbrja (fl-Italja) għall-ħabta tas-sena 480 ġo familja nobbli. F'żgħożitu mar jistudja ġewwa Ruma u l-esperjenza ta' Ruma bidlitlu ħajtu. X'ħin ra b'għajnejh il-ħajja li ħafna minn sħabu kienu qed jispiċċaw jgħixu, ħajja ta' ħela u vizzji, f'qalb Benedittu nibtet xewqa għal ħajja differenti. Kif spiċċa l-istudji tiegħu, Benedittu ħalla l-ġid tiegħu warajh u beda jgħix ħajja ta' eremit, fil-faqar u l-qies, imma viċin Alla. Matul is-snin ħafna kienu dawk li xtaqu jgħixu bħal Benedittu. Kien hemm min ingħaqad miegħu waqt li oħrajn sabu li l-ħajja ta' Benedittu kienet diffiċli wisq. Imma l-ferħ li sab Benedittu f'din il-ħajja ġdida ma seta' jsibu mkien aktar. Meta bdew jiżdiedu ġmielhom in-nies li xtaqu jgħixu bħalu, Benedittu beda jorganizzahom f'komunitajiet li jistgħu jgħinu lil xulxin isibu l-ferħ veru ta' Alla. Hekk bdew il-monasteri fil-Punent tal-Ewropa li fl-iktar żminijiet diffiċli kienu ta' għajnuna kbira għal ħafna nies mitlufa u familji fqar. Illum Benedittu huwa meqjus wieħed mill-patruni tal-Ewropa propju għall-kontribut kbir li dawn il-monasteri, li hu beda, kellhom fl-iktar żminijet diffiċli fl-istorja tal-Ewropa.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!

ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT! www.sayitmalta.com 32, Tarxien rd Paola YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web





Promozzjoni

Issa tista' tirreklama fuq Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION